MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 984/2009

**John Coleiro u Grace Coleiro f'isimhom propju u f'isem Right Products Ltd**

**Vs**

**Louise Cutajar f'isimha personali u Etienne Borg f'isem is-socjeta` House of Tuning (HOT) Limited (C 42675)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf li biha l-atturi, wara li qalu illi:

Illi l-attur kien jikri l-fond 24B u 25 gewwa Triq il-Gzira, Gzira li kien maghruf bhala "Car Classics", illum maghruf

bhala House of Tuning u dana minghand is-sid attwali Marthese Brincat;

Illi l-attur ma xtaqtx ikompli l-kera ta’ l-imsemmi fond, u b’kuntratt datat 29 ta’ Ottubru, 2007 l-attur ceda u assenja il-kirja ta’ dan il-fond favur il-konvenuta Louise Cutajar versu s-somma ta’ tmintax il-elf sitt mija u erba u tletin ewro u disa u disghin centezmu (€18,634.99), pagabbli fi hdax il-elf sitt mija u sitta u erbghin ewro u seba u tmenin centezmu (€11646.87) mal-approvazzjoni ta’ overdraft favur il-konvenuta Louise Cutajar u dana sal-gimgha 2 ta’ Novembru, 2007 u l-bilanc ta’ sitt elef disa mija u tmienja u tmenin ewro u tnax il-centezmu (€6988.12) pagabbli fi tlett pagamenti ta’ elfejn tlett mija u disa u ghoxrin ewro u seba u tletin centezmu (€2329.37) u dan flimkien ma l-imghax ta’ tmienja fil-mija fis-sena (8%) pagabbli fuq ir-rata tal-kapital;

Illi l-konvenuta Louise Cutajar baqghet qatt ma hallset l-imsemmija pagamenti hekk minnha dovuti;

Illi inoltre is-socjeta` attrici Right Products Ltd forniet lill-konvenuti b’merkanzija u dana f’forma ta’ stock u oggetti li kienu jinstabu fl-imsemmi hanut meta l-kirja tal-istess giet assenjata lill-konvenuta Louise Cutajar fl-ammont ta’ €37988.79 ghal liem stock u oggetti l-konvenuti baqghu ma hallsux;

Illi l-inventarju tal-imsemmija stock jinstab indikat fid-dokument B u l-invoices relattivi ghall-istess dokument C.

Illi l-atturi jiddikjaraw li sa fejn jafu huma, il-konvenuti m’ghandhom l-ebda eccezzjonijiet fil-ligi x’jaghtu kontra din it-talba.

Talbu illi din il-qorti;

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talbiet attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta’ l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Tiddikjara li l-konvenuti in solidum bejniethom huma debituri tal-atturi, ghall-ammont ta’ €44976.91;

3. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu l-ammont imsemmi dovut lill-atturi.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1504/09 ipprezentat fl-4 ta' Settembru, 2009 kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi r-rikors mahluf u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenuti fiz-zmien li trid il-ligi, izda dawn ghalkemm dehru ma wrewx li ghandhom raguni tajba biex jithallew jikkontestaw it-talba.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-qorti taqta' l-kawza billi tilqa' t-talbiet maghmula fir-rikors mahluf, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------